

WiFi4EU: Kumpaniji tal-Installazzjoni tal-Wi-Fi

WiFi4EU hija inizzjattiva li se toħloq eluf ta' hotspots tal-Wi-Fi li jipprovdu konnettività bla ħlas fl-ispazji pubbliċi ta' komunitajiet lokali madwar l-Ewropa. Inti Kumpanija tal-Installazzjoni tal-Wi-Fi u tixtieq titgħallem aktar dwar l-inizzjattiva WiFi4EU u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tagħha. Komplu aqra biex issir taf aktar.



X'inhom WiFi4EU, u kif taħdem?

WiFi4EU hija inizzjattiva tal-Unjoni Ewropea li se tipprovdi vawċers b'valur ta' EUR 15 000 biex ikopru l-ispejjeż tat-tagħmir u tal-installazzjoni tal-punti ta' aċċess tal-Wi-Fi lil eluf ta' municiċipalitajiet madwar l-Ewropa. Il-benefiċjarji jagħżlu ċ-“ċentri tal-ħajja pubblika” fejn jiġu installati l-hotspots ta' WiFi4EU. Il-hotspots tal-Wi-Fi se jiġu installati fi spazji pubbliċi fuq ġewwa jew fuq barra (kunsilli lokali, ċentri tas-saħħa, pjazez pubbliċi, toroq pedonali, eċċ.) fejn ma teżisti ebda offerta simili oħra ta' konnettività Wi-Fi bla ħlas.

Hija skema ta' finanzjament simplifikata li għall-ewwel darba se tipprovdi vawċers trasferiti mill-municiċipalitajiet lill-kumpaniji ta' installazzjoni tal-Wi-Fi li jistabbilixxu l-hotspots.

Il-municiċipalitajiet li jirċievu vawċer huma liberi li jiddefinixxu u jakkwistaw il-proġetti ta' installazzjoni tal-Wi-Fi lokali tagħhom skont ir-regoli tal-akkwist applikabbli. Huma jistgħu jikkonsultaw il-lista ta' kumpaniji tal-installazzjoni tal-Wi-Fi reġistrati li joperaw fiż-żona ġeografika tagħhom.

Reġistrazzjoni fil-portal

Ladarba municiċipalitè tkun applikat b'suċċess għal vawċer, ikollha perjodu ta' 18-il xahar biex tiżgura l-installazzjoni tal-hotspot ta' WiFi4EU. Hija tniedi proċess ta' akkwist pubbliku għall-għażla ta'

kumpanija tal-installazzjoni tal-Wi-Fi. Bħala kumpanija tal-installazzjoni tal-Wi-Fi, trid tirreġistra fil-portal online, sabiex tirċievi remunerazzjoni għall-valur tal-vawċer mill-Kummissjoni Ewropea.

Kif Tirreġistra bħala Kumpanija tal-Installazzjoni tal-Wi-Fi

Kwalunkwe kumpanija tal-installazzjoni tal-WiFi tista' tirreġistra fil-portal ta' WiFi4EU permezz ta' taqsima ddedikata. Se tintalab tipprovdi d-dettalji li ġejjin:

- Informazzjoni dwar il-kumpanija
- Informazzjoni dwar iż-żona ġeografika (pajjiżi jew żoni fi ħdan il-pajjiż) fejn topera l-kumpanija tiegħek
- Informazzjoni dwar il-persuna ta' kuntatt.

Mur fil-portal ta' WiFi4EU

Ir-reġistrazzjoni fil-portal ta' WiFi4EU mill-Kumpaniji tal-Installazzjoni tal-Wi-Fi hija essenzjali għall-akkwist tal-vawċer.

L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi

Ir-rekwiżiti tekniċi għan-networks ta' WiFi4EU huma stipulati fil-Mistoqsija Frekwenti 27 u speċifikati aktar fil-kundizzjonijiet tas-sejħa u l-mudell ta' ftehim ta' għotja. Dawn ir-rekwiżiti jagħtu d-dettalji tan-numru minimu ta' punti ta' aċċess fuq ġewwa u fuq barra, kif ukoll il-kapaċitajiet tekniċi ta' kull wieħed minn dawn il-punti ta' aċċess. Jekk jogħġbok irreferi għall-punt 6.2.2 tal-kundizzjonijiet tas-sejħa għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi sħaħ

Il-proċeduri tal-ħlas

Il-valur tal-vawċer ta' EUR 15 000 se jitħallas direttament lill-kumpanija tal-installazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea fi żmien massimu ta' 60 jum. Dan il-pagament se jiġi eżegwit permezz ta' trasferiment bankarju, wara l-konferma mill-Kummissjoni Ewropea li l-hotspot ta' WiFi4EU huwa operazzjonali. Huwa esklużivament permezz tal-portal li l-kumpanija tal-installazzjoni u l-muniċipalit kkonċernata jistgħu jinnotifikaw li n-network tal-Wi-Fi huwa installat u operazzjonali. Ladarba l-Kummissjoni tivverifika din l-informazzjoni, hi tħallas is-somma tal-vawċer direttament lill-kumpanija tal-installazzjoni. Il-muniċipalit tħallas kwalunkwe bilanċ 'il fuq mill-valur tal-vawċer dovut lill-kumpanija tal-installazzjoni tal-Wi-Fi.

Ikkuntattjana

WiFi4EU Portal

WiFi4EU Community

FAQ: WiFi4EU

L-aktar reċenti

PRESS RELEASE | 15 May 2019

WiFi4EU: Commission unveils final results of the second call for applications

The European Commission announced the results of the second WiFi4EU call for proposals, which ran from 4 to 5 April. 3,400 municipalities will receive vouchers each worth €15,000 to cover the cost of

installing Wi-Fi hotspots in public spaces, including town halls, public libraries, museums, public parks or squares. The total budget for this call was €51 million and applications came from all the countries taking part in the programme, namely EU Member States, Iceland and Norway.

PRESS RELEASE | 20 March 2018
WiFi4EU: Questions and Answers

Who will benefit from the WiFi4EU programme?
How to apply for WiFi4EU? Are there any specific conditions for the projects?
What is the budget of WiFi4EU?

PRESS RELEASE | 20 March 2018
WiFi4EU: registration opens for EU financing of free wireless internet hotspots in public spaces

The European Commission has launched the WiFi4EU web portal. As of now, municipalities all over Europe are invited to register their details ahead of the first call for projects in mid-May, for the chance to benefit from EU financing to build free public wireless internet hotspots.

PRESS RELEASE | 02 June 2017
WiFi4EU initiative: how will it work?

The European Parliament, the Council and the Commission reached a political agreement on the WiFi4EU initiative and its funding on 29 May 2017.

[Browse WiFi4EU](#)

Related Content

Big Picture

WiFi4EUWiFi4EU | Wi-Fi b'xejn għall-Ewropej

L-inizjattiva WiFi4EU tippromwovi aċċess bla ħlas għall-Wi-Fi għaċ-ċittadini fi spazji pubbliċi inklużi parks, pjazez, binjiet pubbliċi, libreriji, ċentri tas-saħħa, u mużewijiet fil-muniċipalitajiet madwar l-Ewropa.

See Also

WiFi4EU: Citizens

Citizens and guests of local municipalities within the European Union will soon be able to benefit from a free Wi-Fi connection in public places thanks to WiFi4EU.

Wifi4EU: Municipalities

Municipalities within the European Union are eligible to apply for a voucher as part of the WiFi4EU initiative. The vouchers, worth €15,000 each, will help provide your community with a free public connection.

Source URL:

<https://digital-strategy.ec.europa.eu/activities/wifi4eu-kumpaniji-tal-installazzjoni-tal-wi-fi>